# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1254/00/SM**

**Joseph Borg Limited.**

**vs**

**Lawrence Refalo u martu Simone bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmenin liri Maltin, tmienja u disghin centezmi (LM380.98) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata ghall-bejgh f'Artmar Store, Marsa u dan skond statement anness u mmarkat Dok. 'A';**

**Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib d-data tat-18 ta' Ottubru 1999, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-**

**data tat-13 ta' Novembru 1999 u tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-kawza u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**